**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 799/97

Joseph Dimech

vs

Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 14 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod preciz fi jew ghall-habta tas-snin 1989 u 1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja meta gie mcahhad promozzjoni li kien intitolat ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Illi wara li r-rikorrent ghamel ghaxar snin mal-RMA dahal mal-Armata fl-1970 bhala bumbardier.

2. Illi fil-1989 hargu l-promozzjonijiet ghal-surgenti u fis-sena 1992 hargu l-promozzjonijiet ghall-staff sargeants, izda r-rikorrent gie negat din il-possibilita` darbtejn minkejja l-kwalifikazzjonijiet, l-esperjenza u s-seniority li kellu.

3. Illi in konsegwenza ta' dak kollu suespost, ir-rikorrent tilef kull opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu, b'telf finanzjarju.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib, sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk, il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar l-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji u dan billi ssir gustizzja mieghu billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjonijiet lura sas-snin 1989 u 1992 u jigi kkumpensat ta' l-opportunitajiet li tilef jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi ibda biex, fil-kaz tal-promozzjonijiet li nghataw b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikors huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Ara Kaz Numru 3727 u r-rapport tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 1992.

Illi barra l-inammessibilita` msemmija fil-paragrafu precedenti jirrizulta li fil-promozzjonijiet b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent kien ipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati billi talab u inghata intervista mill-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien u dan spjegalu li ma kienx irrakkomandat ghall-promozzjoni minhabba l-kategorija medika baxxa li hu kellu u li fil-fatt ghad ghandu sa llum. Jirrizulta wkoll li dak in-nhar ir-rikorrent kien fehem ir-raguni u ikkuntenta b'dak li qallu l-ufficjal kmandant ghax ma jirrizultax li kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien, kif kellu dritt jaghmel taht l-istess imsemmi Artikolu 161.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet tal-1992 jirrizulta li r-rikorrent, oltre li kien ressaq ilment tieghu quddiem l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien hu kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati. Jirrizulta wkoll li l-Kmandant kien sussegwentament intervista lir-rikorrent. Ma jirrizultax li r-rikorrent kien baqa' jilmenta minn dak li qallu l-kmandant.

Illi l-premessa tar-rikorrent li fil-kaz tal-promozzjonijiet b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 hu gie negat l-promozzjoni ghal Staff Sergeant hija bla bazi minhabba li r-rank tar-rikorrent fil-1992 kien ta' bombardier u mhux ta' surgent u ghaldaqstant ma treggix li ghax fil-promozzjonijiet tal-1988 hu ma giex promoss awtomatikament fil-promozzjonijiet li jigu wara hu kellu xi dritt sagrosant li jinghata xi promozzjoni ulterjuri.

Illi jirrizulta li fiz-zewg kazi tal-promozzjonijiet imsemmija dawk li gew promossi u li kienu junior tar-rikorrent kienu ikkwalifikati aktar mir-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss u li liema kwalifiki jinkludu l-istat mediku tal-individwu kkoncernat, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe` l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma ammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997. Il-kwalifiki jinkludi wkoll.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu fejn hu ndikat u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.
Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi fit-23 ta' Frar, 2000 ir-rikorrent irtira l-ilment tieghu dwar il-promozzjonijiet tal-1988. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jezamina biss l-aspetti li ghandhom x'jaqsmu mal-promozzjonijiet tal-1992.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Bhala kwalifiki r-rikorrent kellu BII cook u Education Class II li hadha fl-1996. Sostna li l-promozzjonijiet inghataw lil nies li kellhom anqas seniority u anqas jew l-istess kwalifiki minnu, fosthom:

| | | |
|---|---|---|
| 18133290 | - | Bdr Borg |
| 18136326 | - | Bdr Bonett |
| 18136834 | - | Bdr Pace |

Bhala seniority dawk kollha li dahlu mieghu, inkluz dawk li semma qabel kollha hadu promozzjoni. Ohrajn kienu 18134728 Bdr Gatt, 18135275 Bdr Pavia u 757 Bdr Pisani.

Fis-sena 1992 regghu hargu l-promozzjonijiet u rega' nqabez. Semma li dak iz-zmien kien irrakomandat.

Il-Kurunell Raphael Farrugia semma li jaf lir-rikorrent u li llum irtira pero` meta kien fl-Armata kien tahtu bejn l-1993 u l-1998. Ma sabx id-dokumenti tal-1992 dwar recommendations. Dawn id-dokumenti suppost qeghedin fil-headquarters Armed Forces of Malta. Ir-rikorrent kien imexxi l-canteen u xogholu kien jaghmlu u fil-fehma tieghu kien haqqu anke jaghmel xoghol ta' rank aktar gholi milli kellu u ghalhekk kien haqqu l-promozzjoni.

Lt. Joseph Debono Officer in Charge Records tal-AFM xehed li jaf lir-rikorrent. Semma li fl-1992 kien hemm promozzjonijiet minn Bumbardier ghal Surgent. Hu jaf li l-policy kienet li bit-3rd Class Education kont tista' ssir Surgent. Semma li l-procedura ghal dawn l-ahhar snin, certament xi 25 sena kienet dejjem li bhala Certificate of Education irid ikollok is-2nd Class biex issir Surgent pero` fil-kaz tal-1992 in partikolari kien gara xi haga li permezz taghha kienu gew accettati numru ta' nies bit-third class education.

Lt. Col. Mario Schembri pprezenta skeda ta' promozzjonijiet li hargu b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 li juru nies fl-ewwel regiment li hadu promozzjoni minn Bumbardier ghar-rank ta' Surgent. Isem ir-rikorrent jidher l-ewwel wiehed fil-lista. Ma jfissirx li ha l-promozzjoni dak in-nhar pero` biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni. Fl-istess skeda jidhru numru konsiderevoli ta' nies li qabzu lir-rikorrent. Tnejn minn dawn vuol diri 81 Bumbardier Cutajar u 65 Bumbardier Gusman kellhom l-

istess grad ta' edukazzjoni bhar-rikorrent, vuol diri grad numru 3. L-ohrajn kollha kellhom gradi akbar. Id-differenza bejniethom hi biss it-trades. L-ewwel wiehed Cutajar ghandu trade wahda aktar mir-rikorrent u Gusman ghandu zewg trades aktar mir-rikorrent. Esebixxa wkoll rapport mahrug mill-Principal Medical Officer tal-Armata rigward ir-rikorrent fejn jidher li mill-1985 sa ma spicca r-rikorrent kien qieghed fuq restricted duties. Mir-records personali tar-rikorrent ma jirrizultax jekk kienx hemm rakomandazzjonijiet ghall-promozzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ghall-promozzjonijiet tal-1992 fir-rank ta' Surgent gie maqbuz minn wiehed u ghoxrin persuna. Ir-rikorrent kellu bhala Army Certificate Of Education Class 3. Dsatax minn dawn kellhom jew Class 1 jew Class 2. Tnejn kellhom Class 3. Fost dawk li kellhom Class 2 Joseph Garrett ma kellu xejn Trades waqt li r-rikorrent kellu Trade wahda B2. Mit-tnejn l-ohra li kellhom Class 3 Cutajar kien seba' postijiet warajh u kellu Trade B2 u ohra B3 waqt li Gusman kien ghoxrin post warajh, kellu Trade B2 u tnejn B3. Ir-rikorrent kien excused long hours of standing duties in excess of two/three hours. Fl-1987 ha tliet xhur sick leave. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li

persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Illi tenut kont ta' dak kollu li ssemma hawn fuq it-Tribunal ma jhossx li saret ingustizzja qawwija fil-konfront tar-rikorrent ghax ghalkemm gie maqbuz minn hafna nies fil-kaz ta' dsatax minnhom dawn kienu kwalifikati aktar ghalkemm mhux wisq fil-kaz ta' Garrett. Fil-kaz ta' Cutajar u Gusman dawn kienu warajh izda kellhom trades aktar minnu. Ukoll wiehed irid jikkunsidra l-problema tar-rikorrent tar-restricted duties. Ghalhekk it-Tribunal isib li ghalkemm l-ingustizzja tirrizulta fil-konfront tar-rikorrent din kienet marginali. It-Tribunal iqis ukoll li llum il-gurnata r-rikorrent irtira u ghalhekk l-ahjar rimedju huwa aktar wiehed ta' kumpens u ghal din ir-raguni jirrikmanda li jinghata kumpens ta' elf u hames mitt lira (Lm1500).

Spejjez kontra l-intimat.